KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 50** **It-Tlieta 30 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI:**
Shirley Abela - Kunsillier

**MISTIEDEN:** Daniel Galea Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Micallef u S. Abela. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Micallef minħabba raġuni ta' saħħa imma ma ġietx aċċettata l-ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera S. Abela, għar-raġuni li d-data tal-laqgħa tkun pjanata min laqgħa preċedenti.

Fis-6.05 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu l-*item* 50.5.2 - Quarterly Reports 1 & 2: January-March 2022, April-June 2022

Fis-6.20 il-Kunsillier Farrugia daħal għal laqgħa.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 49**

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat**

Is-Sindku nforma li l-proċess ta' l-esproprjazzjoni rigward il-parkeġġ ta' quddiem iċ-ċimiterju, li nbeda minn Infrastructure Malta (IM) u li r-referenza ta' dan il-każ huwa L576/2020/1, qed jinħadem mis-*senior manager* li jieħu ħsieb l-*expropriations.*

Fis-6.25 il-Kunsilliera Rapa daħlet għal laqgħa.

**REF: 44.3.3 Kommunikazzjoni – Fire Alarm HC/Local Council Building**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li FARO Group qablu li x-xogħol jinqasam, fejn l-ewwel jsir it-tieni sular, u t-tielet sular fejn hemm is-sala issir is-sena d-dieħla. Però fuq istruzzjoni tal-Kunsillier Cassar FARO kellhom jibgħatu reviżjoni tal-kwotazzjoni biex tinkludi l-*module* tal-lift.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad hemm xi dokumenti li jridu jiġu mimlija b'figuri, dikjarazzjoni mil-accountant eċċ, kif wkoll għad jrid jiġi mħejji rapport ta' tlett snin.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-bieraħ ġiet depożitati l-ittra għal-arbitraġġ fil-konfront tal-PAMA wara li l-ittra ġiet approvata mil-membri tal-Kunsill.

Rigward l-arbitraġġ ma tal-Ġeneral tlabna lil avukat għal-laqgħa qabel is-seduta li jmiss, liema seduta ser issir nhar it-22 ta' Settembru.

**REF: 46.4.3 – Kommunikazzjoni – Day Centre Agreement**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li ntbagħat l-abbozz finali tal-kuntratt biex il-Kunsilliera jibgħatu l-*feedback* tagħhom, però s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jidher li ħadd ma rrisponda, u għalhekk talbet lil-membri preżenti jekk nistgħux immexxu biex jiġi ffirmat l-kuntratt mal-LESA.

Ġie moqri u rivedut il-kuntratt waqt il-laqgħa u l-membri preżenti approvaw l-iffirmar tal-MOU mall-LESA.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni- Pjanti Triq Difiża Ċivili**

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mas-Sur Noel Vella minn IM fejn ġiet aċċettata t-talba tal-Kunsill biex l-*one-way* ta' li sqaq ma Triq il-Qares tkun bil-kontra.

Is-Sindku nforma li ġie diskuss li t-Traffic Management se jkun b'mod li tidħol min Triq il-Kostituzzjoni għal Triq il-Qares u tkun tista' tibqa' ħiereġ mill-isqaq biex tiġi ħdejn il-Lidl eżattament ħdejn ir-roundabout li nbniet fi Triq Difiża Ċivili. Min ikun ġej minn Difiża Ċivili minn naħa tal-pont irid jgħaddi mit-triq biswit il-Ġnien tal-Għarusa tal-Mosta. Minn ikun ġej minn Burmarrad ma jistax tidħol lejn Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Id-dħul għal Ġnien l-Għarusa tal-Mosta se jkun biss dak minn Difiża Ċivili.

Is-Sindku żied jgħid li hemm benniena quddiem il-LIDL, u l-ilma tax-xita jaqleb kollu hemm. Din il-benniena direzzjoni lejn il-pont terġa togħla, u wara ħafna tibda nieżla lejn il-pont. Fil-parti l-aktar baxxa quddiem il-LIDL fejn jinġabar l-ilma hemm in-niżla ta' l-MCAST fejn dawn

dejjem jegħrqu waqt il-maltemp. Is-Sindku nforma wara laqgħa li kellu ma Infrastructure Malta (IM), hemm żewġ soluzzjonijiet, biex tiġi ndirizzata din il-problema.

- Jew isir *storm water culvert* mill-benniena lejn il-pont li fiha tul konsiderevoli kif ukoll t-trinka għall-katusa tal-ilma tax-xita tkun fonda ħafna.

- Jew jinġabar l-ilma fil-benniena, jinżlu b-*culvert* fin-niżla lejn l-MCAST u jagħtuh direzzjoni lejn il-ġiebja li tista' tinbena taħt il-parkeġġ tal-ġnien;

Is-Sindku kompla jgħid li bl-istess flus ta' kemm jiswa *storm water culvert* min fejn il-LIDL sal-pont li hu stmat li jiswa nofs miljun ewro, jista' jsir l-ġibjun tant meħtieġ taħt il-parkeġġ kollu. Is-Sindku nforma li flus bi flus jippreferi jagħmel il-ġibjun taħt il-parkeġġ.
Is-Sindku nforma li din il-materja IM ser jiddiskutuha internament, pero l-Kunsill irid jagħti l-aċċettazzjoni tiegħu.

Il-membri preżenti qablu li idealment jkun hemm il-ġibjun taħt il-parkeġġ. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta. Il-Kunsillier Cassar nforma biex noqgħodu attenti li ma jerġax jiġri bħal proġett ta' Triq il-Kbira u jeħel il-Kunsill minħabba d-dewmien. Apparti min hekk il-Kunsillier Cassar fakkar li f'Settembru jibdew l-iskejjel għalhekk tajjeb li IM jagħmlu pjan tajjeb, u l-Kunsill ma jħallasx xejn lil IM biex jinbena dan il-ġibjun jkun taħt il-parkeġġ u jerġa jsir il-parkeġġ kif kien.

**REF: 46.4.10 Kommunikazzjoni- Northern Cleaning Żieda fil-Prezz**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna l-approvazzjoni mid-DLG ta' €180 kuljum eskluża l-VAT li jibdew mit-22 ta' Lulju u validi sal-21 ta' Jannar 2023 (sitt xhur) sakemm tinħareġ l-offerta reġjonali. Il-Kuntrattur ġie nfurmat biex jibgħat *update* ta' l-aħħar *invoice.*

**REF: 46.4.13 Kommunikazzjoni – Ħasil tal-Pjazza**
Il-Kunsillier Cassar talab biex jkun iċċirkolat *statement* ta' kemm nfaqqna f'ħasil f'Lulju u Awwissu.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-sindku nforma li għadu ma tkellimx mal-kuntrattur biex jinnegozjaw il-prezzijiet.

| | |
|---|---|
| Triq Charles Vassallo | - C.02: €45 per sqm (min €30)<br>- C.03: €12 per sqm (min €6)<br>- C.06: €68 per sqm (min €35) |
| Sqaq Xorxa | - C.02: €45 per sqm(min €30)<br>- C.03a: €12 per sqm (min €6)<br>- C.06: €35 per sqm (min €26) |
| Sqaq San Anton Abbati | - C.02: €45 per sqm (min €30)<br>- C.03a: €12 per sqm (min €6)<br>- C.06: €35 per sqm (min €26) |

Bħala *coldmilling* min €3 *per sqm* il-prezz ġie negozjat mis-Sindku għall-prezz ta' €2.50 *per sqm* eskluż VAT.

**REF: 46.5.4 Ġnien Grognet de Vasse u Ġnien 15 t'Ottubru**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntrattur ċempilha llum stess biex tibbukkja security, għax għada ser jkomplu billi jagħlqu r-*rubber flooring* ta' Ġnien Grognet de Vasse.

**REF: 48.3.2 Kommunikazzjoni: Ġnien Victor Calvagna**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għadna ma rċevejniex stima ta' kemm jiswa Ġnien Victor Calvagna biex il-Kunsill jkun jista' jikkometti ruħu għal manutenzjoni u żamma tal-ġnien.
Il-membri preżenti talbu biex nerġgħu niktbu lis-Sur Olaf Mckay biex jgħidulna l-istima kemm ser jiswa inkella l-Kunsill ma jistax jagħmel talba għal żieda fl-allokazzjoni lid-DLG.

**REF: 48.3.6 Kommunikazzjoni: Data Processing Services Agreement**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li l-*agreement* mal-LESA dwar moniteraġġ ta' żewġ CCTV kameras mil-*control room* tal-LESA, li qegħdin waħda fi Pjazza man-naħa ta' Cauchi u oħra Pjazza 16 ta' Settembru ġie ffirmat.

**REF: 48.3.7 Kommunikazzjoni: Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet imejl lil-Kunsilliera biex jduru 'l *bye-laws* dwar reklamar u kirja tas-sala, biex jiġu diskussi rati ġodda.

Il-Kunsilliera talbu biex din il-materja tittella' fil-laqgħa li jmiss bħala aġenda *item*.

**REF: 48.3.8 Kommunikazzjoni: Coring Works fi triq il-Bażilika**
Is-Sindku nforma li l-*coring* sar u bagħat il-kont lis-Sur James biex jiġi jħallas €141.60 bil-VAT.

Il-membri preżenti talbu li fejn is-Sur James għamel il-bankina skura, din trid issir bħal kumplament tal-pjazza.

**REF: 48.3.9 Kommunikazzjoni: Mosta Bridge Lighting – Above**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Inġinier Joseph Azzopardi kien bagħat email, fejn kif mitlub jifred il-kwotazzjonijiet fi tnejn, dawl ta' taħt il-pont u dawl ta' fuq il-pont man-naħa tat-triq. Dawn intbagħtu lil-Kunsilliera fil-5 ta' Lulju biex jagħtu l-*feedback* tagħhom.

Il-Kunsilliera talbu biex din il-materja tittella' fil-laqgħa li jmiss bħala aġenda *item.*

**REF: 48.3.10 Kommunikazzjoni: Mosta Bridge Lighting - Under**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Inġinier Joseph Azzopardi kien bagħat email, fejn kif mitlub jifred il-kwotazzjonijiet fi tnejn, dawl ta' taħt il-pont u dawl ta' fuq il-pont man-naħa tat-triq. Dawn intbagħtu lil-Kunsilliera fil-5 ta' Lulju biex jagħtu l-*feedback* tagħhom.

Il-Kunsilliera talbu biex din il-materja tittella' fil-laqgħa li jmiss bħala aġenda *item.*

**REF: 48.3.11 Kommunikazzjoni: CCTV's Pjazza u Pjazza 16 ta' Settembru**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rapport ta' kemm inħarġu ċitazzjonijiet, ntbagħat lil-Kunsilliera fejn inħarġu madwar 450 ċitazzjoni fi żmien ħmistax.

**REF: 48.3.14 Kommunikazzjoni: Survey tal-Pjazza**
Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li s-sotto kumitat tat-*Traffic Managment Committee* għad jrid jiltaqa' biex jkun jista' jaħdem fuq it-*timed parking*, liema l-irħas kwotazzjoni li rċevejna hija ta' €1,000.

**REF: 49.3.1 Kommunikazzjoni: Attivita Puttinu Cares – Ġnien Għarusa tal-Mosta**
Il-Kunsillier Cassar nforma li kien hemm konġestjoni sħiħa fil-*parking area* għax kien hemm *double parking*. Darba oħra l-*flow* tat-traffiku trid tkun ippjanata mil-organizzaturi. Il-Kunsillier Cassar staqsa biex niċċekkjaw jekk tisjir barra jistax jsir, għax sa fejn jaf hu ma jistax isir tisjir barra.

**REF: 49.3.2 Kommunikazzjoni: Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2022 Finanzjament Milied 2022**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni dwar Finanzjament Milied 2022, is-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet ġiet estiża sal-lum 30 ta' Awwissu, u l-Kunsillier Camilleri ta' rendikont ta' kif ħa jkun pjanat il-programm:

A. 9 ta' Diċembru 2022 Christmas Parade. Parata tal-Milied matul Triq il-Kungress Ewkaristiku bil-parteċipazzjoni tas-Soċjetajiet u l-NGO's tal-Mosta . Waqt din il-Parata jkun inawgurat Presepju kbir fil-Pjazza maħdum minn materjal riċiklat wara li jkunu saru taħditiet dwar din it-Tradizzjoni fost it-tfal tal-iskejjel fil-Mosta. Għal din l-attività għamilna baġit ta' €10,000.

B. Villaġġ Mosti fil-Milied. Dan il-villaġġ ikun organizzat nhar l-10 u 11 ta' Diċembru. Waqt dan il-villaġġ tal-Milied ikunu promossi l-Artiġġjanat Malti tradizzjonali u minn komunitajiet multi kulturali u fl-istess ħin talent lokali jkun espost u promoss. Għal din l-attività għamilna baġit ta'€10,000

C. Il-Ħadd 18 ta' Diċembru jkun organizzat kunċert tal-Milied minn waħda mis-Soċjetajiet Filarmoniċi fil-Mosta. Għal din l-attività għamilna baġit ta' €5,000.

Il-membri preżenti approvaw il-programm li ġie preżentat mil-Kunsillier Camilleri.

**REF: 49.3.3 Kommunikazzjoni: Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2022 Espressjoni ta Interess World Clean Up The World Campaign 2022**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex nippreparaw u napplikaw.

**REF: 49.3.5 Kommunikazzjoni: Mosta Day Transport Provision**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti li fil-laqgħa preċedenti ġiet approvata z-żieda ta' trasport għal-anzjani ta' €24 għal kull vjaġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-Dipartiment tal-Active Ageing Community bagħat imejl biex jinforma l-Kunsill li bħalissa qed jaħdmu fuq it-tender għall-provista ta' trasport ta' kuljum għal min juża ċ-Ċentru tal-Anzjanità Attiva; fir-rigward tal-Mosta, qed jippjanaw li jagħmlu trasport fuq erba' t-ijiem, minflok tlett ijiem, sabiex jħeġġu aktar anzjani jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum. Barra minn hekk, fit-tender ħa jintalab li jkollhom trasport mgħammar b'*lifter* biex jipprovdu servizz aħjar lill-anzjani. Għalhekk talbu jekk il-Kunsill għadux lest li jkompli jħallas lura lill-AACC għal parti mill-ispiża tat-trasport.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li bħalissa l-Kunsill jħallas għal jumejn trasport fil-ġimgħa ta' €35 kull vjaġġ li jammontaw għal €140 fil-ġimgħa esklużż VAT.

Il-membri preżenti unanimament qablu li bħala prinċipju jaqblu li l-Kunsill jkompli jgħin lil-AACC fit-trasport għal anzjani, però id-deċiżjoni ta' l-ammont li għad jrid jinħareġ mit-tender għandu jiġi deċiż kif nkunu nafu l-prezz il-ġdid.

**REF: 49.3.6 Kommunikazzjoni: Award Letter M4.3039**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li b'referenza għal-Fondi tal-Unjoni Ewropea għal xogħlijiet fuq toroq rurali - Miżura 4.3 (Toroq Rurali) EAFRD, fejn applikajna biex issir Wied il-Qlejja, il-Perit tal-Kunsill qed jipprepara *survey* tat-triq, li ħa jiswa €815 eskluż VAT.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall qabad u telaq mingħajr ma ħadem in-*notice period,* u għalhekk intbagħtet *invoice* biex jħallas tan-*notice period* li ma ħadimx.

Fil-fratemp bdejna bis-sejħa interna għal skala 15 fejn Jobsplus approva l-proċess biex jinħareġ avviż mal-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex hekk kif stipulat fl-Avviż Legali 95.2007 para 6(b). Il-*vacancy* inħarġet bejn il-Kunsill tagħna li għalqet fit-23 t' Awwissu fejn ħadd ma applika, u issa ħarġet bejn il-Kunsilli u Reġjuni, u din tagħlaq fil-5 ta' Settembru.

**REF: 49.3.11 Kommunikazzjoni: Complaint Suggestion Mosta Library**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-librerija reġjonali bid-deċiżjoni tal-Kunsill li lest jħallas biex il-librerija reġjonali fis-sajf tiftaħ darbtejn fil-ġimgħa wara nofs in-nhar. Qed nistennew biex issir laqgħa mall-Librerija Reġjonali.

**REF: 49.03.14 Kommunikazzjoni: Ħmieġ**
Is-Sindku nforma li apparti li dar iż-żona mall-kuntrattur tal-knis fejn ser jibgħat kwotazzjoni, hemm bosta llegalitajiet ġewwa l-Housing Estate, bħal dgħajjes fil-parapetti, laned taż-żjut, etc. Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm id-dipartiment tal-Housing jrid jikkontrolla u jdur kull każ fejn hemm l-abbuż. Id-dipartiment tal-Housing ma jridx jagħmel il-parti tiegħu u jitfa l-problemi li għandhom fuq il-Kunsill. Il-Kunsillier Cassar nforma li fis-sentejn li għamel Sindku ipprova daqs kemm konna nirċievu lmenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma jistax jkun nibqgħu noħorġu flus biex nagħmlu xogħol ta' dipartimenti oħra, liema responsabbiltà taqa' taħthom.

**REF: 49.3.15 Kommunikazzjoni: Proġett ta' *Junctions u proġett San Silvestru***
Is-Sindku nforma li fis-6 ta' Settembru ħa jkun hemm laqgħa mat-***Traffic Management Committee*** biex jiddiskutu u jevalwaw dan il-proġett minn IM li jikkonsisti f'żewġ *junctions* waħda Vjal Indipendenza kantuniera ma Triq il-Kbira u ta' fejn Ventur li tiġi quddiem Triq Antonio Miruzzi, kif ukoll ir-riġenerazzjoni ta' madwar l-kappella ta' San Silvestru.
Dan il-proġett ġie approvat unimament mill-kunsilliera preżenti fl-laqgħa 49 u IM ġew infurmati dwar dan skond kif jidher fl-aħħar minuti approvati.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li lis-sprall li sar quddiem *Cauchi's,* li hu l-iżbok tal-ilma tax-xita li se jgħaddi mill-*culvert* il-ġdid li sar fi Triq il-Kbira, probabilment ikun ta' periklu li ħa joħloq il-

problemi ta' għargħar fil-pjazza u jista' jidħol fil-ħanut ta' *Cauchi's,* liema ħanut għandu kantina. Is-Sindku nforma li IM għamlu l-blokkok madwar dan l-iżbok tal-ilma biex l-ilma jkun deriġit imur lejn il-pjazza. Dawn ser jibqgħu hemm sakemm tibda it-tielet fażi u jitkompla dan il-*culvert* lejn il-wied. Il-Kunsillier Cassar nforma li vera din responsabiltà ta' IM, imma jekk dan l-iżbok ħa jservi għall-ħruġ tal-ilma kollu ta' Triq il-Kbira meta tagħmel ħafna xita ħa jkun hemm il-problemi. Is-Sindku nforma biex din il-materja ta' Triq il-Kbira tiġi diskussa aktar tard bħala materja għalija hemm aktar x'jiġi diskuss.

Lura lejn id-diskussjoni tal-*junctions* s-Sindku nforma li jekk it-***Traffic Management Committee*** japprovaw il-*junctions* u l-proġett ta' madwar il-kappella ta' San Silvestru, IM jkunu jistgħu jibdew billi jimplimentaw ir-*roundabout* ta' Vjal Indipendenza ma Triq il-Kbira. IM għandhom jibdew il-proċess ta' esproprjazzjoni biex tkun tista' issir din il-*junction*. Meta jibdew *phase 3* min *Cauchi's* sal-Pjazza 16 ta' Settembru għall-wied jistgħu jużaw Triq il-Kbira direzzjoni l-fuq (lejn Ta' Qali) bħala *Traffic Management* temporanju.

Saret diskussjoni dwar il-problemi li jista' jinħoloq bit-trasport peress li daqt ħa jibdew l-iskejjel. Is-Sindku nforma li żmien ilu kien qal lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jaħdmu bil-minibuses u mhux bil-kowċis. Il-Kunsilliera Cassar u Bonnici talbu li tajjeb li jkunu nfurmati IM, u l-Kunsillier Cassar nforma li ma jaqbilx li b'mod temporanju tittieħed deċiżjoni issa biex triq il-Kbira taħdem bil-kontra. Il-Kunsillier Cassar talab li tkun studjata *traffic management committee*. Is-Sindku kellu jerġa jikkomunika mall-iskola biex jikkonferma li dawn ser ikunu qed jaħdmu b'*mini buses* u mhux *coaches* għat-transport tat-tfal.

**REF: 49.3.15 Kommunikazzjoni: Fondi ta' Toroq Reġjun Tramuntana.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li Triq il-Bajtar ġiet tiswa madwar €24,500.00, u għalhekk bħala fondi mir-reġjun ma fadalx x'jiġi utilizzat.
Il-membri preżenti talbu rendikont mil-Perit tal-Kunsill biex jaraw għalfejn l-*invoice* ġiet differenti mill-istima oriġinali.

**REF: 49.3.16 Kommunikazzjoni: Laqgħa mall-Onor. Ministru Miriam Dalli**
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat imejl, biex nippruvaw nġibu lista ta' toroq ta' fejn hawn vetturi elettriċi ġewwa l-Mosta.

**REF: 49.4.7 *Bring-In-Sites***
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġew rappreżentanti ta' l-ERA jistaqsu jekk u meta l-Kunsill ser jibda l-proċess biex jagħżel postijiet għal Bring-In-Sites. Legalment u skont l-ammont ta' residenti l-Kunsill huwa obbligat bil-liġi li jkollu 10 siti, fejn jista' wkoll jagħżel 5 siti u jpoġġi żewġ *sets* ta' *bins.*

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din il-liġi ilha fis-seħħ sena min April 2021, u l-ERA qed jduru l-Kunsilli, biex dawk il-Kunsilli li għadhom bla Bring-In-Sites, is-siti ħa jintgħażlu mil-ERA u jitpoġġew il-*bins* a spejjez tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali hu obbligat permezz ta Avviż Legali ppublikat fil-gazzetta tal-Gvern, li jkollu Recycling Point (Bring-In-Site) għal kull 2000 resident.

Is-Sindku nforma li ħa jagħmel laqgħa mas-CEO ta' l-ERA għaliex stqarr li għaxar siti huma ħafna fil-Mosta meta Ta' Qali, li hu ferm viċin il-Mosta hemm faċilita komda u mħaddma mill-Wasteserv.

**REF: 49.4.10** ***Disabled Parking Bays***

Il-Kunsillier Farrugia nforma li l-Blue *bays* huma responsabiltà ta' Transport Malta (TM).

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 49.

Fit-7.45 saret sospensjoni ta l-aġenda biex ngħaddu għal *item* 50.5.7 – Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent

**50.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**50.3.1 Kommunikazzjoni- M4.4** ***Payment Claim Rubble Walls*** **Triq Durumblat**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna imejl li tender KLMT-02-2019 ma jinkludix il-kostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Durumblat. Peress li l-kostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Durumblat ma kinitx parti mid-dokumentazzjoni tal-akkwist, l-ARPA mhix f'pożizzjoni li tirrimborża xogħlijiet li saru fi triq Durumblat.

**50.3.2 Kommunikazzjoni: Diskussjoni** ***Mobile Unit*** **tal-Għoti tad-Demm, permess fil-Parkeġġ ta' ħdejn il-Bażilika għal użu ta' kontejners**

Is-Sindku nforma li qed jkollna ħafna attivitajiet u kulħadd ġej ġol-pjazza biex jagħmel użu minn kontejners li jkerhu l-pjazza bħal kontejner tal-ħwejjeġ għall-missjoni, trakkijiet goffi tal-GO, EPIC, Melita eċċ. Huwa stqarr li hu jemmen li dawn mhux posthom fil-pjazza fejn il-Bażilika.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li ma tantx tista' tevita li kontejners u trakkijiet ma jarmawx ġol parkeġġ għax jistgħu jmorru dirett għand Transport Malta (TM).
Is-Sindku talab li ta' l-inqas ma jitħallewx dawk li jiġu dirett għand il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li hemm bżonn li nkunu nafu min jmur dirett għand TM għax ġieli kellna konflitt meta ma konniex nfurmati b'permessi li tkun ħarġet TM. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li peress li l-parkeġġ huwa ta' TM, meta tidħol talba aħna dejjem ninfurmaw lil-TM.

**Tkompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti qablu li l-ebda daqs ta' kontejner/s ma jitħallewx jarmaw fil-pjazza ħlief fiż-żmien il-festa miż-żewġ għaqdiet tan-Nar u jekk TM jitolbuna** ***feedback*** **il-Kunsill ser joġġeżżjona għal dawn. Sar qbil unanimu fuq dan. Sar qbil ukoll li l-vettura għall-għoti tad-demm ser titħalla fil-parkeġġ.**

**50.3.3 Kommunikazzjoni:** ***Accumulation of Leave Executive Secretary***

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li artikolu 3.1.9 tal-PSMC jistipula li "Proporzjon tal-intitolament għal vaganza, li ma jaqbiżx ħamsin fil-mija (50%) tal-intitolament annwali għal vaganza, jista', bi ftehim reċiproku bejn id-Direttur/Kap tad-Dipartiment rispettiv u l-impjegat, jiġu trasferiti darba għas-sena kalendarja li jmiss. Il-*leave* tal-vaganzi akkumulat mis-sena ta' qabel jrid jiġi utilizzat l-ewwel, u jista' ma jerġax jiġi trasferit 'il quddiem."

Fid-dawl ta' dan is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jiġu trasferiti 107 siegħa ta' *vacation leave* mill-2022 sal-2023.

Il-membri preżenti approvaw il-*leave* ta' 107 siegħa biex jkunu trasferiti għas-sena 2023.

**50.3.4 Kommunikazzjoni: Ċirkulari NRU SPI/SCI/9/2022 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbagħtet iċ-ċirkulari SPI/SCI/9/2022 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom, għal attenzjoni tal-Kunsilliera.

Dan il-finanzjament huwa għal aktar ħolqien ta' spazji miftuħa jew servizzi li jikkultivaw l-appartenenza, l-inklużjoni, ambjent aktar san u sigur, ambjent soċjali li fih in-nies jistgħu jgħixu, jaħdmu, jitgħallmu u jilgħabu, aċċessibilità u mobilità sostenibbli. Fil-qosor, ifisser ħolqien ta' aktar kundizzjonijiet li fihom ir-residenti kollha, irrispettivament minn fejn huma ġejjin u l-abbilità tagħhom, jistgħu jirnexxu kemm issa kif ukoll fil-futur.

Għal dan il-għan, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qed ivara dan il-finanzjament immirat għal-proġetti varji sabiex jgħin lill-Kunsilli Lokali jagħmlu dan aktar possibbli għal-komunità rispettiva tagħhom u jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jipprovdu kundizzjonijiet ugwali u aktar sostenibbli għar-residenti tagħhom.

Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skont il-marki allokati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, kif stabbiliti fil-kriterji f'din iċ-Ċirkulari sa massimu ta' €100,000 (inkluż il-VAT). Il-Kunsilli Lokali huma obbligati li mas-somma mogħtija lilhom jagħtu l-kontribut tagħhom ta' 15% ta' somma globali. Addizzjonali ma dan il-finanzjament, il-Kunsill Lokali jista' wkoll jibbenefika minn ammont sa' massimu ta' €7,000, liema ammont jista' jintefaq fuq servizzi għal-assistenza fuq l-implimentazzjoni tal-proġett. Din l-ispiża trid tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Ix-xogħlijiet jew servizzi li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsiru sal-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2024. Din l-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sa mhux aktar tard min nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru 2022.

Il-membri preżenti nfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv li ħa jaħsbu fuq xi ideat, u x'jista jsir biex nkunu nistgħu napplikaw għal dan il-finanzjament.

Fid-8.45pm il-Kunsilliera unanimament qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa, u l-laqgħa tintemm fid-9:30pm.

**50.3.5 Kommunikazzjoni: Ċirkulari mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-tfal**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li l-uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal twaqqaf biex jippromwovi u jissalvagwardja d-drittijiet ta' tfal f'Malta kif minqux fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fejn l-uffiċċju huwa impenjat li jiżgura li t-tfal jingħataw is-setgħa bħala ċittadini attivi fi ħdan il-komunitajiet.

Il-Kummissarju bagħat din l-istedina lil-Kunsilli kollha u stieden lil-Kunsilliera responsabbli għal seminar ta' nofs ġurnata, u bħala dekasteru responsabbli mit-tfal din iċ-ċirkulari kienet intbagħtet lil-Kunsillier Micallef.

**50.3.6 Main Street**

Is-Sindku fakkar lil-membri preżenti dwar l-ittri li konna rċevejna mingħand l-avukata is-Sa. Coppini, ta' quddiem *San Remo Bar*, fejn is-Sa. Coppini oġġezzjonat dwar il-*feeder pillar* li kien ġej quddiem id-dar tagħha fil-kantuniera. Apparti dan il-*feeder pillar* hemm ieħor viċin tal-pastizzi, f'tarf Triq Kurat Bezzina, fejn is-sid aċċetta, u l-ieħor ser jsir fejn il-ħanut *Red Line* fejn is-Sindku nforma li ma seta' jkellem lil-ħadd għax ma nafux min hu s-sid.

Is-Sindku nforma li saret laqgħa oħra ma l-Enemalta biex jaraw jekk il-*feeder pillar* li kien ġej quddiem is-Sa. Coppini jistax jsir x'imkien ieħor minħabba l-oġġezzjoni tagħha, fejn f'din il-laqgħa li saret fuq il-post, ġie identifikat post ftit iktar l-isfel fi triq it-Tama viċin ta' proprjetà li tidher mitluqa. Is-Sindku spjega lil-membri preżenti kif ser jgħaddu l-*cables* ta' l-Enemalta min trinka mill-kantuniera tas-Sa. Coppini sal-*feeder pillar.*

Is-Sindku żied jgħid li s-Sa. Coppini għanda xi ħsarat fir-residenza li saru waqt ix-xogħolijiet li kienu qed jsiru mil-kuntrattur ta' Infrastructure Malta (IM), fejn ġie nfurmat il-kuntrattur minn IM biex jirranġa dawn il-ħsarat. Is-Sa. Coppini talbet biex il-bankina li ser tinqala tul id-dar tagħha fi Triq it-Tama issir bil-materjal tal-qawwi wkoll biex tikkumplimenta dik li hi stess għandha quddiem il-proprjeta tagħha fi Triq il-Kbira. Faċċata tal-proprjeta tas-Sa Coppini fi Triq it-Tama, quddiem il-proprjeta tas-Sur Sean Cutajar trid issir l-istess bil-materjal tal-qawwi.

Is-Sindku ppropona li fi Triq it-Tama, il-bankina bil-materjal tal-qawwi għandha tibqa' sejra sa fejn ser tasal il-feeder pillar fuq iż-żewġ naħat għaliex huwa stqarr li hemm huwa l-*end of project.* Il-membri preżenti unanimament qablu biex il-bankina tal-qawwi tasal sa fejn propona s-Sindku.

Is-Sindku kompla jgħid li quddiem jew madwar il-*feeder pillar* li ġej fi Triq it-Tama, biex jgħaddi *pushchair* jew siġġu tar-roti trid titwessa l-bankina u għalhekk ser jintilef minimum ta' parkeġġ wieħed.

Is-Sindku nforma wkoll li kien hemm kwistjoni ma' tal-Bukkun għax għanda li *skylights* li jagħtu għal-kantina fuq il-bankina u huma mgħerrijin, fejn il-Perit ta' IM nforma lis-sidien li dawn huma responsabiltà tagħhom li jinbidlu. Is-sidien nformaw li dawn tkissru minħabba l-vetturi li għaddew minn fuqhom matul iż-żmien. Għalhekk waqt il-laqgħa fuq il-post is-Sindku propona li bħala protezzjoni huwa propona li jsiru żewġ *bollards* madwar li *skylight* li jiġi fuq wara tas-*City Bar* quddiem tal-ħaxix. Sitwazzjoni simili wkoll kien qed jiġri hekk lis-Sa. Coppini bi trakkijiet li jiġu minn Triq il-Kbira u jiksru għal triq it-Tama, u għalhekk ser jsiru erbgħa *bollards* bħal ma hemm numru ta' bollards man-naħa tas-*San Remo Bar* u ma *City Bar.*

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li fejn il-Bukkun jekk ser jkun hemm il-*bollards,* trid titlaq il *loading/unloading bay* għax għalhekk il-vetturi qed jitilgħu fuq il-bankina għax qed jkun hemm vann ipparkjat, u għalhekk is-Sindku qal li allura jkun aħjar li tersaq il-*loading/unloading bay.* Il-Kunsillier Cassar nforma biex noqgħodu attenti jekk ser jsiru l-*bollards* għax jerġa jiġrilna bħal ma ġara bil-*bollard* li kien hemm f'Main street k/m Triq Chetcuti, fejn vetturi kienu qed jolqtu dan il-*bollard,* u kien hemm każ li spiċċa għand l-Ombudsman fejn ordna lil-Kunsill biex jħallas għad-danni, fejn il-Kunsill ma ħallas għal-ebda danni u l-anqas inqalet il-*bollard,* però tneħħiet min Transport Malta (TM).

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li jekk ser jsiru xi *bollards* dawn jsiru bil-permess ta' TM inkluż dik il-waħda li kien hemm f'Main street k/m Triq Chetcuti għax ir-resident qed jkollu ħsara fil-kantuniera tad-dar min vetturi li jiksru viċin.

Fid-8.55pm il-Kunsilliera Rapa talbet biex tkun skużata mil-laqgħa.

Is-Sindku nforma li hemm is-Sa. Carmen li toqgħod fi Triq il-Kbira li talbet ħadida biex jserraħ magħha. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li permessi għal *u-bars* ma jagħtunix, u l-Kunsilliera Bonnici nfurmat li kull ma trid tagħmel *handle* għax dawn mhux affarijiet li jagħmel il-Kunsill, u l-membri preżenti qablu mal-Kunsilliera Bonnici.

Il-Kunsillier Camilleri fakkar dwar il-*culvert* li qed jiżbokka quddiem *Cauchi's*. Is-Sindku nforma li ser javża lil IM biex jara jistgħux iniżluħ aktar lejn il-pjazza.

**50.3.7 Major Patching**

Is-Sindku nforma li Triq il-Bażilika k/m Triq il-Ħtajriet it-triq imkissra, u talab lil membri preżenti jekk jaqblux li jsir *major patching.* Il-membri preżenti qablu biex isir ix-xogħol ta' *patching bil-hot asphalt*

**50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**

Is-Sindku nforma li kiteb imejl lil-Ministru tat-Turiżmu, fejn ikkopja wkoll lis-CEO u liċ-Ċermen tal-MTA, biex is-sajf li ġej jkun ikkunsidrat biex fil-lista ta' *summer breaks* tal-kostruzzjoni, jiżdiedu dawn it-toroq;

- Pjazza Mosta
- Triq Kungress Ewkaristiku
- Triq il-Kostituzzjoni
- Triq il-Kbira
- Triq il-Bażilika
- Triq il-Parroċċa
- Triq il-Lunzjata
- Parti min Triq Kurat Schembri
- Pjazza 16 ta' Settembru
- Triq Mons. Bezzina
- Triq Patri Avertan Fenech
- Triq Kurat Calleja
- Triq San Gwann
- Pjazza San Anard
- Wied is-Sir
- Trejqa Ħanqa
- Parti min Triq it-Tama (pedonali)
- Triq ta' Bistra

Saret diskussjoni u l-membri preżenti ssuġġerew li Triq il-Kostituzzjoni tkun sa Casa Arkati, u biex jiżdiedu dawn it-toroq:

- Triq it-Torri
- Triq l-Isperanza (min San Remo sal-kappella)
- Triq Nicolo Isouard
- Triq il-Ġnejna

Is-Sindku nforma wkoll li talab biex il-Mosta tkun meqjusa bħala Żona Turistika, fejn nkunu ntitolati wkoll li nibbenefikaw minn fondi għal tisbiħ.

Fid-9.20pm is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li fadal għaxar minuti biex jiskadi l-ħin tal-laqgħa.

**50.3.9 Skema Għall-Kunsill Lokali Dwar Lokalitajiet Sostenibbli 2022**

Is-Sindku nforma li l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża Miriam Dalli ħabbret skema ta' €800,000 sabiex il-Kunsilli lokali jwettqu proġetti ta' żvilupp sostenibbli fil-komunità. Din l-iskema tagħlaq fit-13 ta' Settembru fejn nistgħu nieħdu 85% mil-proġett, sa massimu ta' €300,000. Is-Sindku ppropona peress li l-proġett tal-Ġnien fit-Triq Carmelo Dimech waqqafnih, u liema proġett kien ser jiswa madwar nofs miljun, hu qed jissuġġerixxi biex minflok jsir il-proġett fuq il-ġibjun ta' Mlit, u mal-PAMA niddiskutu biex nagħżlu post ieħor, bħal-*roundabout* tar-roundabout li kien jaħdem Ċikku Fenech fi Triq Callus.

Il-Kunsillier Cassar nforma li issa ma nistgħux la bdejna l-arbitraġġ mall-PAMA. Saret diskussjoni dwar il-*capping* tal-Proġett ta' Mlit li l-PAMA għandu l-obbligu li jonora, fejn is-Sindku semma li hemm iċ-ċans li l-Kunsill jispiċċa joħroġ aktar flus peress li l-materjal u x-xogħolijiet għolew, u l-arbitri jistgħu jiddeċiedu li l-proġett isir bl-ammont li kien fadallu jħallas il-PAMA, jiġifieri €270,000. Is-Sindku semma li llum dan il-proġett ma tlestiħx b'dan l-ammont ta' flus u hu ma jaqbilx li nibdew proġett li nafu li ma għandniex fondi biex inlestuh. Infatti hu għalhekk kien talab lill-PAMA fil-laqgħa li kienet saret bla preġudizzju biex il-PAMA jikkonsidraw li jew iħallsu din is-somma lill-Kunsill fi flus immedjatament jew il-Kunsill jagħżel proġett ieħor li nkunu nafu b'ċertezża li jitlesta kompletament b'dan l-ammont ta' flus.

Il-membri preżenti qablu wkoll li ma niddevjawx mill-Proġett tal-PAMA minħabba li issa beda l-arbitraġġ.

Din il-materja reġgħet tkompliet wara *item* 50.3.10 Agreement RS2.

Fid-9.25pm is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li fadal għaxar ħames minuti biex jiskadi l-ħin tal-laqgħa.

Fid-9.25pm il-Kunsillier Zerafa talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

**50.3.10 Agreement RS2**

Is-Sindku nforma rigward il-korsijiet ta' l-RS2, fejn ċemplitlu is-CFO fejn infurmatu li kienet tkellmet ma l'eks Sindku Romilda biex jsiru korsijiet ta' Word, Excel eċċ, u l-prijorità tagħhom huwa li jużaw il-€120,000 ġewwa l-Mosta, għax jistgħu jagħmlu *agreement* ma diversi Kunsilli Lokali u mhux bilfors jiġi magħżul il-Kunsill Lokali tal-Mosta. Is-Sindku nforma li ma jixtieqx dawn it-tip ta' korsijiet imma *Software Application* għal Mostin bħalma għandhom il-Cleansing, eżempju fejn wieħed jista' jirrapporta bozza, sprall miżjud, ħofra, jiddentifika postijiet ta' charging pillars, skips għal-rimi, eċċ. Jista' jsir li trid f'din l-*Application.*

Il-membri preżenti qablu biex dawn il-flus jintużaw primarjament kollha f'din is-*Software Application* għal Mostin bħalma għandhom il-Cleansing hekk kif proposta mis-Sindku. Is-Sindku qal li huwa għandu laqgħa ma uffiċjali tal-RS2 fid-19 ta' Settembru fejn huwa ser jiddiskuti punti li hu ma qabilx magħhom fod-draft li bagħtu l-istess RS2 u possibilment dak inhar jagħlaq biex jiġi iffirmat dan il-kuntratt minħabba l-urġenza li għandhom l-RS2 biex jikkonkludu mall-Awtorita tal-Ippjanar.

Fid-9.30pm is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lil-membri biex japprovaw il-ħin biex titkompla u tispiċċa l-laqgħa, imma ħadd mil-membri preżenti ma taw rispons.

Il-Kunsilliera Bonnici talbet *feedback* mil-Kunsilliera dwar *item* 50.3.9 Fondi ta' Sostenibbiltà**,** għax il-membri preżenti ma ddeċidewx x'post ser jintgħażel. Is-Sindku nforma li din hija mpossibbli biex tiddaħħal l-applikazzjoni sat-13 ta' Settembru, meta għad jridu jsiru l-pjanti, *boq's* u *survey* tal-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bl-iskemi li hemm huwa mpossibbli li nlaħħqu ndaħħlu din l-applikazzjoni wkoll.

Il-membri preżenti qablu li jekk intlaħqu, napplikaw fuq l-ispazju tar-*roundabout* ta' Ċikku Fenech, biex issir ġiebja u tissaqqa bl-istess ilma li tiġbor il-ġiebja u jekk jista' jkun jiġi organizzat parkeġġ.

Fid-9.30pm is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti dwar il-ħin tal-laqgħa, u l-membri preżenti qablu li l-laqgħa tiżdied bi kwarta sal-9:45pm, u talbet sospensjoni ta' l-aġenda biex jingħaddu *items* 50.5.3 Update Ingaġġ ta' Assistent Skrivan/a Skala 16, 50.5.4 Update Ingaġġ ta' Executive Officer fi Skala 13, 50.5.5 Update Ingaġġ ta' Office Assistant Helper (CIES) u 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza.

**50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**50.4.1 Sleeping Police u Zebra Crossing**

Il-Kunsillier Borg nforma li hemm bżonn li jsiru *sleeping police* mal-*bus stop* fi Triq il-Mitħna u *zebra crossing* aktar l-isfel lejn Vjal Indipendenza, għax hemm *blind corner.*

**50.4.2 *Car Parking Stoppers* fi Triq it-Torri**

Il-Kunsillier Borg nforma li kellmuh xi residenti ta' Triq it-Torri li qed jidħlilhom l-ilma tax-xita fir-residenzi minħabba l-*parking stoppers* li saru, u mhux qed jmur l-ilma lejn lis-sprall.
Is-Sindku nforma li jaf ir-residenta min hi għax kellmet lilu wkoll u nformaha li mhux il-każ li dawn il-*parking stoppers* qed iżommu l-ilma għaliex bejn waħda u oħra hemm spazju, u mhux il-każ li din ir-residenta qatt daħlilha l-ilma tax-xita ġewwa għax apparti l-fatt li għandha bankina, din mall-bieb għandha għatba għolja ħafna wkoll.

**50.4.3 Ġbir ta' Skart**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li hemm bżonn inkellmu lil-kuntrattur tal-ġbir ta' skart b'mod uffiċjali għax ċemplet kemm il-darba lil-kuntrattur imma mhux jagħtu każ l-ilmenti tal-Kunsill. Kull fejn hemm sqaq mhux qed jidħlu għal boroż, l-*organic* jrid jinġabar l-ewwel mod speċjalment fis-sajf, u jekk tinfaqalu borża l-kuntrattur jrid jnaddaf, meta jiġbor il-ħġieġ il-kaxxa tal-kartun trid tinġabar dak in-nhar. Kif wkoll il-kuntrattur jrid jieqaf jitfa żibel gozz, u ma jibqax jgħid lin-nies biex jpoġġu l-iskart f'xi kantuniera. Is-Sindku stqarr ukoll li huwa diġa nformu lill-kuntrattur verbalment b'dan kollu.

Il-Kunsilliera Bonnici żiedet tgħid biex ninfurmaw lil-kuntrattur li fi Triq l-Għassara u Triq Difiża Ċivili mil-*pet shop* sal-LIDL il-boroż mhux jinġabru.

**50.4.4 Day Centre: Tabelli ma Vetturi**

Il-Kunsillier Deguara nforma li kkuntattjawh tad-Day Centre għax jridu biljetti biex jagħmluhom mal-vetturi meta jkollhom viżitaturi li ħa jagħmlu xi xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jistgħu jagħmlu t-tabella huma tad-Day Centre.

**50.4.5 Triq Bufula l-Ħamra**

Il-Kunsillier Deguara staqsa meta ser issir it-trejqa li hemm bejn triq l-Alwetta u Triq il-Bufula l-Ħamra għax hemm sprall li jrid jinżel. Is-Sur Deguara ġie nfurmat li dan huwa xogħol ta' Elles Urban Services, liema xogħol waqa' lura.

**50.4.6 Active Ageing & Community Care: MoU Dementia Group**

Il-Kunsillier Deguara nforma li fid-19 t'Awissu hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Carmel D'Amato biex jkun hemm kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-AACC għall-aktar għarfien dwar id-dementia. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat *draft* ta' l-MOU għal-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**50.4.7 Ħarġa tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-aħħar ħarġa tal-Kunsill attendew 81 ruħ, u l-ħarġa li jmiss ser issir fit-22 ta' Settembru ġewwa Tigne.

**50.4.8 MoU Outdoor Gym**

Il-Kunsillier Cassar nforma jekk ġiex iffirmat l-MOU mal-Kulleġġ Maria Regina. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsillier biss bagħat *feedback.* Is-Sindku nforma biex nibgħatu nota bil-*feedback* lil prinċipal is-Sur Decelis biex jsiru l-*updates* u jiġi ffirmat l-MOU.

**50.5 Rapporti**

**50.5.1 Update - Development Funds as at 30.8.2022**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**50.5.2 - Quarterly Reports 1 & 2: January - March 2022 u April - June 2022**

L-accountant tal-Kunsill is-Sur Galea ta' rendikont tal-*quarterly reports.*

Quarter 1 min Jannar sa Marzu: Bħalissa l-Kunsill għaddej mil-proċess ta' l-awditjar li wasal fl-aħħar u għalhekk irridu noħorġu l-*quarterly reports.*

Paġna 4 – Dħul u Ħruġ tal-Kunsill fuq natura rikorrenti u hemmhekk naraw li l-Kunsill ħareġ aktar flus milli daħħal ta' €67,000. Sa Marzu kellna dħul ta' €410,000, u ħruġ ta' €477,000, jiġifieri il-Kunsill qiegħed b'*deficit*. Mhux qed ngħidu li l-Kunsill qiegħed ifalli, imma f'dawk it-tlett xhur fuq natura rikorrenti il-Kunsill nefaq aktar milli daħħal.

Bħala dħul għanda baġit ta 1.7 miljun Ewro, u qegħdin ftit inqas bħal dħul għal dak li kien ibbaġitjat.

Ħruġ 1.67 miljun Ewro imma kien €476,000 nfiq fl-ewwel tlett xhur. Ta' min jgħid li l-baġit qiegħed ippjanat bħala *break even.* L-accountant reġa' fakkar li ma jfissirx li l-Kunsill qiegħed ifalli għax l-FSI tal-Kunsill f'paġna 5 qiegħed 59%.
Paġna 5 - l-FSI tal-Kunsill li qiegħed 59%, jiġifieri jekk wieħed jara s-sitwazzjoni akkumulata li jfisser li kemm ilu jeżisti l-Kunsill għandu *working capital* ta' €843,000. Dan jfisser jekk naraw x'hemm il-bank, x'hemm x'jitħallas u x'hemm x'nirċievu qegħdin b'dan il-*working capital* ta' €843,000 li huwa ekwivalenti ta' FSI 59%.

L-accountant tal-Kunsill nforma lil membri preżenti li jkun għaqli li wieħed jinvesti dawn il-flus fi proġetti kapitali, imma mhux fi spejjez rikorrenti, għaliex ħa jkun hemm daqqa fl-infieq għal-ewwel tlett xhur, u għalhekk meta ninvestu fi proġetti kapitali ħa nieħdu mit-tfaddil li hemm u l-ispiża ħa tinqasam fuq numru ta' snin.

Quarter 2 min April sa Ġunju: L-istess paġna 4 fejn hemm il-*profit and loss* tal-*income and expenditure,* is-€67,000 li rajna qabel, żdied għal €70,000.

> Paġna 4 – Dħul u Ħruġ tal-Kunsill fuq natura rikorrenti u hemmhekk naraw li l-Kunsill ħareġ aktar flus milli daħħal ta' €67,000. Sa Marzu kellna dħul ta' €410,000, u ħruġ ta' €477,000, jiġifieri il-Kunsill qiegħed b'*deficit*. Mhux qed ngħidu li l-Kunsill qiegħed ifalli, imma f'dawk it-tlett xhur fuq natura rikorrenti il-Kunsill nefaq aktar milli daħħal.
>
> Paġna 5 – *working capital* qegħdin bi tfaddil ta' €870,000, li huwa FSI ta' 61%.

Fl-aħħar l-accountant tal-Kunsill is-Sur Galea spjega u ċċara d-differenza bejn *profit and loss* u *balance sheet.* Is-Sur Galea fakkar lil membri prezenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-DLG, fejn id-dipartiment jara kemm is-sitwazzjoni rikorrenti l-*balance sheet,* jiġifieri t-tfaddil li għandu l-Kunsill. Bħala *balance sheet* din hija b'saħħitha, bħala *profit and loss* mhuwiex b'saħħtu għax qeghdin bil-*minus,* u kellna nagħtu spjegazzjoni għaliex u kif il-Kunsill ser jirrimedja s-sitwazzjoni.

Il-membri preżenti approvaw l-Quarterly Reports 1 u 2: Jannar sa Marzu 2022 u April sa Ġunju 2022

**50.5.3 - Update- Ingaġġ ta' Assistent Skrivan/a Skala 16**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mill-lista tal-Part 3 tal-JobsPlus rċevejna applikazzjoni waħda ta' Kylie Polidano u din kienet tagħlaq fit-13 ta' Awwissu. Sar l-*interview* fis-17 ta' Awwissu 2022 u ntagħżlet is-Sa. Polidano.

**50.5.4 – Update -Ingaġġ ta' Executive Officer fi Skala 13**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mis-sejħa pubblika rċevejna erba' applikazzjonijiet fejn applikanta minnhom ma kienitx tikkwalifika skond ir-rekwiżiti tal-*vacancy,* applikant ieħor ikkanċella li jattendi għal-*interview,* u għalhekk saru żewġ *interviews* fejn waħda kienet applikazzjoni nterna. Saru l-*interviews* fis-17 ta' Awwissu 2022 u ntagħżlet is-Sa. Ramona Calleja li diġà taħdem u għanda esperjenza mal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-membri preżenti biex tinħareġ sejħa oħra għal skala 15, flok is-Sa. Calleja.

**50.5.5 – Update Ingaġġ ta' Office Assistant Helper (CIES)**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li applikaw 12 fejn id-dea*dline* biex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet kienet sat-22 Awwissu 2022. Tnejn mil-applikazzjonijiet daħlu tard.
Is-Segretarju Eźekuttiv nfurmat lil-bord tal-*interviews* biex malli jivverifika l-applikazzjonijiet tiġi miftehma data biex jsiru l-*interviews.*

**50.5.6 – *Phase 3 Lighting* Pjazza**

Is-Sindku nforma li parti mil-proġett tad-dwal tal-knisja, applikaw bħala fondazzjoni u għalhekk jistgħu jiġbru madwar il-flus tal-VAT. Dawn il-flus jistgħu jkunu madwar €100,000 - €125,000 f'VAT lura. Il-fondazzjoni ser jinvestiti lura dawn il-flus f'dawl għal-lokalità, liema proġett jiġi Phase 3 hekk kif imħejji mid-disinjatur Frank Franjou u stmat li ser jiswa €185,000 eskluż il-VAT. Għalhekk is-Sindku talab approvazzjoni biex id-differenza li ser tkun madwar €85,000 eskluż il-VAT tinħareġ mil-Kunsill biex issir it-tielet fażi. It-tielet fażi tinkludi id-dawl tal-madwar il-pjazza mill-*Lord Nelson* sa *City* u Kostituzzjoni sal-kantuiera ta' Triq Salvu Dimech.

Il-membri preżenti qablu li d-differenza li ħa joħroġ il-Kunsill ma tkunx aktar min €100,000, u napplikaw mad-DLG biex jinħareġ il-permess biex titħallas lill-fondazzjoni tar-Rotunda tal-Mosta direttament tal-Mosta biex b'hekk ikunu jistgħu jintużaw l-istess tip ta' fanali kif propona l-istess disinjatur. Is-Sindku semma li d-dawl ta' Phase 2, jiġifieri l-parkeġġ, wara l-knisja u maġenb il-Knisja fi Triq Mons Bartilmew Bezzina huwa baxx ħafna u ser jitkellem mall-fondazzjoni biex dan jiżdied. La dan id-dawl qed jisotitwixxi li street lighting, dan għandu jkun qawwi biżżejjed u mhux kif inhu fil-preżent.

Fl-9.44pm il-Kunsilliera R. Abela talbet biex tkun skużata mil-laqgħa.

**50.5.7 – Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent**

Il-Kunsillier Camilleri qara l-applikazzjonijiet ta' persuni nominati għal Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent.

Nominati għal-Ġieħ u Rikonoxximent:

- Natalino Bezzina
- Joseph Attard
- Angelique Lofaro
- Dun Salv Borg
- Mro. Paul Abela
- Dr. Mary Vella
- Charles Agius
- Grupp Abbatini Mosta
- Pauline Cassar
- Joseph Sammut

Joseph Sammut: Din l-applikazzjoni ma kienetx milqugħa peress li ma kienetx kompluta, u allura mhix konformi mar-regoli.

Matul l-ewwel votazzjoni li tirrikjedi 2/3 tal-voti preżenti Mro. Paul Abela u Dr. Mary Vella ngħataw Ġieħ il-Mosta. Filwaqt li Joseph Attard ingħata Rikonoxximent ta' Mertu. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li jgħaddu għat-tieni votazzjoni sabiex jingħata Ġieħ ieħor u żewġ Onorifiċenzi oħra. It-Tieni votazzjoni titlob maġġoranza sempliċi.

Matul it-tieni votazzjoni li titlob maġġoranza sempliċi Natalino Bezzina ngħata Ġieħ il-Mosta u Dun Salv Borg u l-Grupp Abbatini Mostin ngħataw Rikonoxximent ta' Mertu.

Il-Kunsillier Cassar skond ir-regoli tal-Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent, ippropona rikonoxximent il-Mosta tas-7 leġislatura, u ġie sekondat min Marvic Camilleri. Dawn huma :

- Mark Micallef Costa
- Chris Borg
- Jesmond Gauci
- Dr. Gianluca Busuttil
- Dr. Karl Tanti
-

Kif wkoll ma dawn jiżdiedu l-eks Sindku Romilda B. Zarb li ser tingħata Ġieħ il-Mosta bħala eks Sindku, u se jingħata wkoll Rikonoxximent ta' Mertu lis-Sur Joseph Howard bħala eks Kunsillier li serva matul it-8 leġislatura.

Il-Kunsillier Camilleri ppropona biex jingħata premju speċjali lil grupp ta' tnax il-atleta li pparteċipaw għal lis-Special Olympics, u ġie sekondat mil-Kunsillier Cassar.

Il-membri preżenti unanimament approvaw ir-riżultat tal-voti ta' premju Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent Mertu l-Mosta, proponiment tal-Kunsilliera tas-7 Leġislatura, kif wkoll ta' l-eks Sindku Romilda B. Zarb u l-Kunsillier Howard, u l-premju speċjali għal lis-Special Olympics.

Ir-riżultat tal-votazzjoni qed jiġu annessa bħala Appendiċi A.

**50.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**50.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 131.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 3 ta' Awwissu 2022 sat-30 ta' Awwissu 2022. Is-Sindku nforma li fejn jidħlu pagamenti ta' Elles Urban Services dawn jinżammu sakemm jlesti x-xogħolijiet mitlubin li issa ilhom pendenti.

**50.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**50.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**50.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Ġunju u Lulju 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**50.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet Fl-10:10 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-27 ta' Settembru 2022 fis-6:00pm.

Ikkonfermati llum 30 ta' Awwissu 2022.

**IFFIRMATI**
**Chris Grech**
**Sindku**

**IFFIRMATI**
**Lorraine Templeman**
**Segretarju Eżekuttiv**